KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 – IL-ĦAMIS, 8 TA' AWWISSU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 3.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

3.1.1 Ma kienx hemm.

## 3.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (3) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

3.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.



Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 3.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

3.3.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras informa li nżammet il-laqgħa mall-Awtorità ERA nhar it-23 ta' Lulju 2024 li għaliha kienu preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, il-Konsulenti tal-Kunsill u s-sinjuri Keith Farrugia u Colin Micallef li qegħdin fuq il-Kumitat li kien waqqaf il-Kunsill dwar din il-kwistjoni.

*Da parte* tal-Awtorità, kienu preżenti CEO Kevin Mercieca, l-Avukat Aimee Brincat u rappreżentant ieħor mill-Awtorità.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill permezz tal-Konsulenti tlabna jekk ir-risposta li kien issottometta l-Kunsill kienux ser jiġu kkunsidrati peress li fl-opinjoni tal-Kunsill, jeżistu inkompletezza u impreċiżjoni tal-qafas leġiżlattiv. Hemm disposizzjonijiet f'dan il-qafas leġiżlattiv li huma intenzjonati b'mod li jħallu lok għal interpretazzjoni tal-liġi.

Is-Sindku żied jgħid li ġew elenkati numru ta' punti kruċjali biex ċertu termini jiġu ċċarati biex ir-regolamentazzjoni ma tkunx tiffavorixxi l-operatur ta' din l-industrija iżda li tissalvagwardja l-ambjent u l-interessi tar-resident.

Is-Sindku kompla billi qal li kien importanti li dan il-qafas leġiżlattiv ma jkollhiex *loopholes* u l-kjarifiċi li ressaq il-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tal-Konsulent għandhom jiġu ċċarati u emendati b'mod li ma jkunx hemm lok ta' interpretazzjoni.

Il-laqgħa ħadet fit-tul u ġie konkluż li l-Awtorità għandha tirrikunsidra l-punti kollha li ressaq il-Kunsill a bażi tat-tweġiba li ġiet sottomessa mill-Kunsill lill-Awtorità fis-17 ta' April ta' din is-sena.

Is-Sindku ikkonkluda li ma jistax ikollna sitwazzjoni fejn ir-regolatur (ERA) jiddefendi *loopholes* li għandu dan il-qafas leġiżlattiv. L-operatur għandu japplika għall-Environmental Permitting mal-ERA fi żmien raġjonevoli ta' tnax-il xhar, u li l-operatur għandu jaderixxi mall-kundizzjonijiet tal-permess fi żmien erba (4) snin, u jekk ma jikkonformax ruħu matul dan il-perjodu, l-impjant ikollu jieqaf milli jkompli jopera.

Il-Kunsill ser jibqa jsegwi dan il-qafas leġiżlattiv fejn jistenna li ssir reviżjoni jekk verament irridu naraw liġi b'saħħitha biex tirregola dan is-settur.

2.3.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Konferenza tas-Sindki ser tinżamm The Red Farm L-Iklin u skedata għal nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru bejn l-1000hrs u 1300hrs. Ser titħejja l-agenda u tiintbagħat lis-Sindki tal-lokalitajiet rispettivi.

2.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kap tal-Iskola Santa Tereża Ħal Lija/Ħal Balzan/Iklin qed jitlob lill-Kunsilli biex jappoġġjaw l-Iskola fix-xiri ta' AC's għall-klassijiet tal-iskola minħabba temperaturi għoljin li tagħmilha diffiċli għall-għalliema u l-istudenti sabiex jibqgħu motivati.

Madanakollu, meta niġu għax-xiri tal-AC units, l-ispiża hija waħda konsiderevoli. Biex jinxtraw AC's ta' 24,000 BTU li jkunu kapaċi jtellgħu sa 30,000 BTU, il-prezz huwa bejn wieħed u ieħor ta' €1,400-il wieħed. Meta wieħed jikkunsidra li l-Iskola għandha bżonn 14-il AC unit, l-ispiża hija kkalkulata li tilħaq id-€19,600. Saret reviżjoni tat-talba u qed jitlob imqarr jekk il-Kunsill jikkunsidra li jissupplixxi minn wieħed sa tnejn biex jibdew mill-klassijiet ta' fuq.

Is-Sindku Dott Sciberras spjega li t-Tmien skeda fil-Liġi li twaqqaf l-Att tal-Kunsilli Lokali tgħid ċar li l-Kunsill ma jistax jagħti sponsorships/donazzjonijiet jekk mhux skont l-għaqdiet li ssemmi l-istess liġi. Informa wkoll li r-Reġjun Lvant ma' ħareġ l-ebda skema matul din is-sena biex il-Kunsill jibbenifika minn fondi għal dan l-iskop.

Semma wkoll li filwaqt li jixtieq jgħin għaliex finalment inkunu nistgħu noffru ambjent aħjar lill-istudenti tagħna, fl-istess waqt ma jistax jifhem kif il-Kap tal-Iskola ma jsibx l-appoġġ finanzjarju sħiħ tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Talab li kien ser jitlob laqgħa mall-Kap tal-Iskola dwar dan is-suġġett u fil-frattemp kien ser jitkellem mall-Kunsilli ġirien dwar din il-proposta.

2.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras tkellem ukoll dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq San Mikiel fejn hemm il-ħtieġa li jiġu mplimentati *speed humps* biex jitrażżan l-abbuż minn sewqan perikoluż. Issir talba formali lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex il-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni ta' *speed humps*.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Matthew Fenech esprima l-ħsieb tiegħu sabiex jerġa jiġi diskuss l-immaniġġjar tat-traffiku ta' dik iż-żona għaliex jidhirlu li hemm lok għal aktar titjib.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill għandu jiddedika l-ħin li hemm bżonn ġaladarba hemm ix-xewqa tal-Kunsillieri li jiġi diskuss l-immaniġġjar tat-traffiku ta' din iż-żona.

## 3.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

234.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn id-9 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu 2024 kif jidher fid-dokumenti A u B.

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 228 | 11/07/2024 | Talba għall-marki fit-triq quddiem garage 13, Triq G Pesci | settled | Triq Ġ Pesci | **COUNCIL** |
| 229 | 11/07/2024 | Talba għall-marki fit-triq quddiem garage 1, Triq G Pesci | settled | Triq Ġ Pesci | **COUNCIL** |
| 230 | 12/07/2024 | Hemm rampa fuq bankina quddiem stabbiliment tan-negozju slippery fi Triq in-Naxxar (service road). Waqgħet persuna riċentement. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 231 | 12/07/2024 | Hemm ħafna ħaxix kbir fi Triq l-Għaqba | settled | Triq l-Għaqba | **CLEANSING** |
| 232 | 15/07/2024 | Id-dawl ta' Triq G Abos qed jibqa' mixgħul matul il-ġurnata u jkun mitfi bil-lejl | pending | Triq Ġ Abos | **ENEMALTA** |
| 233 | 15/07/2024 | Residenzi qed ibatu ħafna minn qtugħ fil-provvista tad-dawl għaliex hemm overloading ta' dawl fl-area ta' Triq Ġ Abos. | pending | Triq Ġ Abos | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 234 | 15/07/2024 | Qtugħ fil-provvista tad-dawl. Residenza irrapurtat li qed tagħmel sigħat bla dawl. Għandha tifel b'diżabbilta u qed tkun difficli biex tfehmu. Rapporti saru wkoll lill-Korporazzjoni Enemalta. | pending | Triq il-Klin | **ENEMALTA** |
| 235 | 15/07/2024 | Id-doggy bin ta' Triq PM Vella qed jitbattal wara li jgħaddi l-iscammel u l-borża tibqa hemm sas-Sibt | closed | Triq PM Vella | **CLEANSING** |
| 236 | 15/07/2024 | Hemm rota marbuta mall-ħadid f'Wesgħa Lewis JB Scicluna. Tidher li hija rota abbandunata. Talba biex titneħħa | settled | Wesgha Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 237 | 16/07/2024 | Tabella (No Turning) nieqsa fi Sqaq Ġarda | pending | Sqaq Ġarda | **COUNCIL** |
| 238 | 16/07/2024 | Bozza maqtugħa fi Sqaq Ġarda | pending | Sqaq Ġarda | **ENEMALTA** |
| 239 | 12/07/2024 | Ilment dwar linji sofor li saru twal b'konsegwenza li ma' jistax jipparkja quddiem il-garaxx tagħha fi Triq Ġuże' Pesci | settled | Triq Ġuże Pesci | **COUNCIL** |
| 240 | 12/07/2024 | Talba ghal 1 mtr double yellow lines mall-ġnub tal-garaxx fi Triq Ġuże Pesci | settled | Triq Ġuże' Pesci | **COUNCIL** |
| 241 | 13/07/2024 | Talba biex issir lampa tad-dawl fi Triq Alfred Gerada għax qed ikun hemm is-serq. | pending | Triq Alfred Gerada | **COUNCIL** |
| 242 | 17/07/2024 | Resident qed jirraporta li meta jinxtegħel id-dawl ta' barra, hemm lampa u qed jaqtagħlu d-dawl tar-residenza tiegħu | pending | Triq Giovanni Curmi | **CONTRACTOR** |
| 243 | 16/07/2024 | Ilment li fi Triq AM Galea laqtu s-sistema tad-drenaġġ u qed ikun hemm ħafna rwejjaħ | settled | Triq AM Galea | **IM** |
| 244 | 16/07/2024 | Resident minn Triq Stefano Erardi ma' jistax jidħol fil-garaxx għax il-karozza teħel f'nofs il-bankina | pending | Triq Stefano Erardi | **IM** |
| 245 | 18/07/2024 | Resident minn Triq AM Galea qed jirraporta li l-Kuntrattur radamlu l-Earth Electrode | settled | 28, Miguel, Triq AM Galea | **CONTRACTOR** |
| 246 | 16/07/2024 | Ilment dwar boroż suwed tal-Cleansing li jdumu ma jinġabru | closed | Triq GE Mercer | **CLEANSING** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 247 | 22/07/2024 | Hemm id-dawl ta' barra ta' Trejqet il-Fulija, ilu ma' jixgħel għaxart ijiem | pending | Trejqet il-Fulija | **ENEMALTA** |
| 248 | 22/07/2024 | Ilment fuq cover miksur 30, Triq K Vassallo | settled | Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 249 | 22/07/2024 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq il-Ħwawar anke fi proprjeta privata | pending | Triq il-Hwawar | **HEALTH** |
| 250 | 24/07/2024 | Parking bays occupied without permits, Triq iċ-Ċitru u Triq in-Naxxar | settled | Triq in-Naxxar & Triq iċ-Ċitru | **COUNCIL** |
| 251 | 01/08/2024 | Water leakage 25, Triq G Calleja | settled | Triq G Calleja | **WSC** |
| 252 | 01/08/2024 | Water leakage 18, Triq il-Muzika, f'nofs triq | pending | Triq il-Muzika | **WSC** |
| 253 | 02/08/2024 | Water leakage 16, Triq G E MErcer | pending | Triq G E Mercer | **WSC** |
| 254 | 27/07/2024 | Garage in use nru 88, Triq Ċ Busuttil, yellow lines | pending | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |
| 255 | 02/08/2024 | 2 bozoz mitfija fi Triq il-Plejju | pending | Triq il-Plejju | **ENEMALTA** |
| 256 | 02/08/2024 | Bozza mitfija fi Triq Namur | pending | Triq Namur | **CONTRACTOR** |

## 3.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

3.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

3.5.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech, u Mary Grace Gusman.

(Doc. D anness)

3.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irid jaħseb biex iġedded d-devoluzzjoni tal-art fi Triq Patri Anasatasju Cuschieri għaliex *lease agreement* li kien ġie iffirmat fil-15/07/2010 jagħlaq fis-sena 2025. Il-Kunsill qed iħallas Eur950 per annum.

## 3.6 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

3.6.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

3.6.2 Applikazzjoni PA/09773/19 – Triq Dun Karm & Triq iċ-Ċitru, Iklin *'To roof existing terrace approved in PA/02724/15'*

3.6.3 Applikazzjoni PA/03325/24 – 39, Rachel, Triq il-Klin, L-Iklin *'Proposed alterations at first floor level, construction of 3 additional floors overlying existing dwelling and installation of lift with different layout from approved PA/03469/22.'*

3.6.4 Applikazzjoni PA/00588/24 Middle Quarry, Triq il-Ħwawar, L-Iklin *'Redevelopment of disused quarry and consolidation of existing structures/concreted areas into warehousing Class 6A and underlying parking and reservoir'*.

3.6.5 Applikazzjoni PA 04486/24 – 5, Milford Sound, Triq in-Namur, L-Iklin *'Proposed upgrading of external areas to existing bungalow including insulated cladding. Timber slatted features, together with redesigned canopy structure and landscaping areas, and pv panels at roof level'*

3.6.6 Applikazzjoni PA 04324/24 – 17 La Fontana, Triq iċ-Ċitru, L-Iklin *'To propose minor internal and external alterations to already approved PA/05043/19 including addition of pools at roof level'*.

3.6.7 Applikazzjoni PA 04348/24 – Garage no 7,9,11, Triq Dr. Lewis F. Mizzi, L-Iklin *'Change of use from existing garages to Class 4B (retail) and ancillary store including minor internal and external alterations and proposed signage'*.

3.6.8 Applikazzjoni PA 04297/24 – 48, Aldor Triq Ġużè Galea c/w Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin – *'Alterations to existing common area at first floor and second floor, to include construction of lift shaft and installation of lift. Proposed demolition of existing washrooms at current airspace, and proposed construction of 2-bedroom apartment and 2-bedroom duplex unit. To include installation of jacuzzi'*.

## 3.7 KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT APR – ĠUN 2024

3.7.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report Apr-Jun 2024.

3.7.2 L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta l-Overview & Summary, Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position and Depreciation of Property, Plant and Equipment.

3.7.3 Id-dħul fl-ewwel sitt xhur tas-sena kien ta' Eur214,613 filwaqt li l-ħruġ tal-ispejjeż kien jammonta għal Eur213,790. Id-deprezzament fuq PPE kien ilaħħaq l-ammont ta' Eur27,394. L-allokazzjoni tal-Gvern kienet ta' Eur173,466. Dħul mill-permess kien jammonta għal Eur10,232.00. Dħul mill-LES kien jammonta għal Eur1,420 filwaqt li dħul ieħor iġġenerat mill-Community activities kien jammonta għal Eur9,855. Għall-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, is-salarji ammontaw għal Eur53,518 filwaqt li l-Operations & Maintenance kienu jammontaw għal Eur108,305. Spejjeż amministrattivi kienu jlaħħqu l-ammont ta' Eur24,573.

Ir-rapport finanzjarju jikkonkludi li l-financial performance fl-ewwel sitt xhur tas-sena jirriżulta f'*surplus* ta' Eur823 u l-FSI huwa 57%.

3.7.4 Imbagħad is-Sindku Dott Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

3.7.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex ikun approvat dan ir-rapport finanzjarju.

3.7.6 Il-vot għadda *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 3.8 PROPOSTA BIEX IL-KUNSILL JIKKUNSIDRA KOLLABORAZZJONI MA' DIXXIPLINA SPORTIVA

3.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva proposta minn Lija Athletic Football Club rigward it-timijiet tal-futsal ta' dan l-istess tim, fejn qed issir proposta biex wieħed mit-timijiet ikun qed jirrappreżenta l-lokalità tal-Iklin.

3.8.2 Imbagħad is-Sindku stieden lill-Kunsillier Mario Fenech bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Isport biex jispjega aktar fid-dettal dwar din il-proposta.

3.8.3 Il-Kunsillier Mario Fenech informa li wieħed mit-timijiet ta' Lija/Iklin Women's Futsal Team ikun rappreżentat taħt l-isem tal-Iklin. Informa li fl-istaġun li għadda, iż-żewġ timijiet irrappreżentaw lil Lija u qed juru x-xewqa li t-tieni tim ikun jirrappreżenta lill-Iklin. Imbagħad ġiet ippreżentata l-proposta dwar kif il-Kunsill ikun jista jikkollabora f'dan il-proġett.

3.8.4 Wara diskussjoni, kien deċiż li ssir laqgħa fl-immedjat mad-diriġenti tal-Club sabiex il-Kunsill jifhem aħjar l-organizazzjoni u l-istruttura qabel mal-Kunsill jifforma deċiżjoni għal ftehim ta' kollaborazzjoni.

3.8.5 Is-Sindku Dott Sciberras spjega anke għall-benefiċċju tal-Kunsillieri l-ġodda li l-Kunsill Lokali L-Iklin huwa ko-fundatur ta' Lija/Iklin Football Youth Academy u ried ikun jaf jekk it-Tim tal-Futsal jaqax taħt il-Parent Club u cioè Lija Athletic Club.

Informa li l-isem tan-Nursery huwa 'Lija Iklin Football Academy'. Din in-Nursery twaqqfet bi ftehim ta' amalgamazzjoni bejn l-Iskema Football Żgħażagħ Iklin u n-Nursery ta' Lija Athletic Football Club.

Dan kien sar permezz ta' skrittura privata li ġġib id-data tal-4 ta' Settembru 2002 u li din saret fil-preżenza tan-Nutar G. Spiteri Maempel LL.S, Nutar Pubbliku.

Il-Partijiet li huma magħrufa bħala fundaturi u li ffirmaw il-ftehim kienu l-Kunsill Lokali Iklin għall-Iskema Football Żagħżagħ Iklin u Lija Athletic Football Club għal-Lija Iklin Football Youth Nursery.

Dan l-Istatut huwa rregolat minn dan il-ftehim ta' amalgamazzjoni u l-ebda parti ta' dan il-ftehim ma tista' titneħħa, tinbidel jew tkun emendata mill-Kumitat li jmexxi n-nursery fil-preżent u fil-futur mingħajr l-awtorizzazzjoni u l-approvazzjoni tal-fundaturi jiġifieri il-Kunsill Lokali Iklin u l-Lija Athletic Football Club.

In-Nursery Lija Iklin Football Academy hija reġistrata mal-Youth Football Association (YFA) taħt l-isem ta' Lija Iklin Football Youth Nursery u dan bħala 'full member' u din l-applikazzjoni ssir mill-Lija Athletic Football Club li bħala l-Parent club huwa rreġistrat mal-Malta Football Association.

3.8.6 Wara diskussjoni, is-Sindku talab lill-Kunsillier Fenech biex jitlob laqgħa biex flimkien mall-Kunsillier Gusman li għandha fid-dekasteru tagħha l-għaqdiet tal-lokal jirrisolvu f'Kumitat u jiddiskutu aktar dwar din il-proposta.

## 3.9 CAT FEEDERS SCHEME 2024

3.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras għamel introduzzjoni dwar din l-iskema li nieda l-Gvern u qal li huwa jilqa bi pjaċir dawn l-iskemi għaliex ċertament jittaffa l-piż finanzjarju li daħal għalih il-Kunsill matul dawn l-aħħar snin.

Hekk ġara fil-każ tal-iskema LC Care Project – Grant Support Scheme li kien varat fis-sena 2020. Inizjattiva tajba ħafna iżda falliet għaliex din l-iskema ma reġgħetx ħarġet fis-snin suċċessivi. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill baqa' jissupplixxi lill-*cat feeders* li huma rreġistrati mall-Kunsill a spejjeż tal-Kunsill wara li l-Ministeru konċernat kien naqas milli jerġa joħroġ l-iskemi biex jgħin lill-*cat feeders*.

Is-Sindku saħaq li biex tali proġett jirnexxi u jintlaqa b'mod tajjeb, wieħed għandu jissettja miri ċari u fit-tul biex jiżviluppa pjan sostenibbli. Imbagħad għadda l-kelma lill-Kunsillier Matthew Fenech bħala l-Kunsillier li għandu fid-dekasteru tiegħu il-Ħarsien tal-Annimali biex jirrelata dwar is-sessjoni ta' informazzjoni li attenda għaliha nhar it-18 ta' Lulju ġewwa Villa Blanche organizzata mill-Animal Welfare Directorate.

3.9.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech ta spjegazzjoni tal-preżentazzjoni li saret dwar l-iskema li l-għan primarju tagħha ser tkun biex tgħin lill-Cat Feeders li huma rreġistrati mall-Kunsilli suġġett li l-*Cat Feeders* jonoraw il-kundizzjonijiet relatati mal-iġene, il-*feeding times* u l-indafa b'mod ġenerali. Semma li din l-iskema ser tkun qed tiġi mplimentata fid-dawl tal-Cat Feeders Regulations, 2024 u għaldaqstant kien importanti li dawn ir-regolamenti jiġu mgħoddija lill-Cat Feeders biex ikunu familjari ma' din il-leġiżlazzjoni filwaqt li d-Direttorat se jkun qed jgħaddi linji gwida dwar l-iskema għall-benefiċċju tal-cat feeders.

Il-Kunsillier Matthew Fenech qal li kien importanti li ssir analiżi tas-sitwazzjoni (cat population size) fil-lokalità tal-Iklin. Il-ħsieb tad-Direttorat huwa li jimbarka fuq il-kampanja ta' *neutering* biex titjib is-sitwazzjoni u l-ħarsien tal-qtates, filwaqt li tipprovdi għajnuna lill-cat feeders biex ikomplu jieħdu ħsieb jitimgħu lil dawn il-ħlejjaq.. Ikkonkluda li b'dan il-mod, din l-iskema ser toħloq sinerġija bejn id-Direttorat u l-Kunsilli Lokali li għandhom għan wieħed biex titjieb is-sitwazzjoni tal-ħarsien tal-qtates slavaġġ.

3.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Uffiċċju kien għamel eżerċizzju biex jaġġorna l-lista tal-Cat Feeders u sabiex jirrikonferma n-numru tal-feeders, in-numru ta' kolonji li jieħdu ħsieb il-feeders, il-lokazzjoni preċiża tal-feeding permezz tal-GPS coordinates, in-numru ta' *neutered cats*, u informazzjoni utli oħra. Żied jgħid li l-Kunsill bagħat il-lista lill-Animal Welfare Directorate biex jonora d-*deadline* tal-31 ta' Lulju biex il-Kunsill jipparteċipa u ikun eliġibbli għal din l-iskema.

## 2.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

2.8.1 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mary Grace Gusman ressqet numru ta' suġġerimenti biex jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin kif jidher hawn taħt:

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li jsir għarfien dwar l-ambjent bil-possibiltà li nidentifikaw qatgħat tal-ħamrija biex jitħawwlu siġar indiġeni u nkunu nistgħu nassoċċjawhom ma' twelid ta' tarbija, jew mewt ta' xi membru tal-familja b'mod li l-familjari jieħdu ħsieb jikkultivawhom biex jidħol is-sena ta' appartenenza lejn il-lokalità;

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li tiġi organizzata *end of summer event* biex jinżamm il-kuntatt mall-komunità;

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li jsir *poll* biex naraw l-interess tar-residenti biex il-Kunsill jimbarka fuq attivitajiet fiżiċi għal *well-being* tal-persuna/i biex ir-residenti jgħixu ħajja sana u ta' kwalità tajba;

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jorganizza sessjonijiet dwar il-kultura tal-lokalitajiet ġirien peress li dan il-lokal kien jagħmel parti mill-lokalitajiet ġirien. Forsi tkun ideja tajba li dawn is-sessjonijiet jiġu organizzati darba fix-xhar iddedikati għar-residenti tal-Iklin;

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li l-purċissjoni tal-Milied tiġi organizzata s-Sibt filgħaxija biex il-Parroċċa tattira aktar familji waqt il-purċissjoni;

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li ssir spezzjoni fi Triq Ġużè Galea dwar bankina peress li mhiex aċċessibbli minħabba żvilupp li għaddej fil-preżent u sabiex ikun assigurat li l-bankina terġa ssir skont is-sengħa u l-arti;

Il-Kunsillier Gusman qed tissuġġerixxi li ssir spezzjoni fi Sqaq il-Ħwawar peress li hemm partijiet li jżomm l-ilma meta tagħmel ix-xita;

Is-Sindku Dott Sciberras ħa nota ta' dawn is-suġġerimenti u wiegħed li l-Kunsill se jkun qed jevalwa dawn is-suġġerimenti u ippropona li dawn l-idejat għandhom jitilgħu għad-diskussjoni fis-seduti li jmiss tal-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex jinnominaw persuna/i sabiex jiffurmaw parti mis-sotto-kumitati biex dawn is-suġġerimenti jkunu jistgħu jibdew jaħdmu fuqhom għaliex huma idejat tajbin. Ċertament li s-sotto-kumitati ser isibu l-appoġġ tal-Kunsill fuq idejat li jkunu tanġibbli u vijabbli għall-Kunsill.

2.8.2 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta,10 ta' Settembru 2024 fil-5.30 pm.

2.8.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Settembru 2024 fil-5.30 pm.

2.8.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.45 pm.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv